Nru. 110

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI ARTIKLU 47 TA' L-ATT TA' L-1992 DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP

L-Awtorità ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjeta' li ġejja, jiġifieri

Menhir fi Triq il-Belt Valletta
Kirkop

(ara l-pjanta mehmuża) tista' tkun ta' valur arkeoloġiku hekk li għandha tkun inkluża fil-lista ta' Proprjeta' Skedata, skond it-termini ta' l-Artiklu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjeta' msemmija tinsab fil-periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għarrigward tal-Proprjetà msemmija hawn fuq, skond Artiklu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) **Id-demolizzjoni, tibdil jew estenzjoni tal-proprjetà b'hekk huma pprojbiti.**

(ii) **Il-proprjetà skedata ma tista' bl-ebda mod tiċċaqlaq jew tkun mittiefsa, minbarra għall-provvedimenti msemmija fi (iii).**

(iii) **L-Awtorità responsabbli għax-xogħlijiet li twettqu madwar il-menhir għandha tiżgura l-istabbilità tal-menhir b'mod li jrid ikun approvat minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar flimkien mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.**


(iv) **L-Awtorità responsabbli għax-xogħlijiet li twettqu madwar il-menhir, għandha ttella' lqugħ fiżiku madwar il-menhir li ma jħallix vetturi jersqu lejn il-menhir eqreb minn mhux anqas minn 1.5m. Innatura ta' l-ilqugħ fiżiku għandha tkun għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.**

(v) **Kull skema ta' rijabilitazzjoni jew żviluppi oħra li jistgħu b'xi mod jaffettwaw il-menhir, l-istabbiltà tiegħu, il-fatturi fiżiċi tiegħu, il-karatteristiċi u l-kwalitajiet intrinsiċi tiegħu għandhom ikunu għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.**

(vi) **Kull għamla ta' trab jew ħamrija, míli jew paviment li jmissu mal-menhir għandhom ikunu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.**

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'Artikli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.


KIRKOP
MENHIR
TRIQ VALLETTA
N
SCALE 1:2500

No. 110

EMERGENCY CONSERVATION ORDER
SECTION 47 OF THE DEVELOPMENT PLANNING ACT 1992

The Planning Authority believes that the following property, namely

Menhir in Triq Valletta
Kirkop

(see attached site plan) could be of archaeological value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of Section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with Section 47 of the Development Planning Act.

(i) The demolition, alteration or extension of, the property is hereby prohibited.

(ii) The scheduled property is not to be moved or disturbed in any way, except for the provisions set out in (iii).

(iii) The authority responsible for the works which were carried out around the menhir is to secure the stability of the menhir in a manner which must be approved in advance by the Planning Authority in conjunction with the Museums Department.

(iv) The authority responsible for the works which were carried out around the menhir is to construct a physical barrier around the menhir which will not allow vehicles to approach the menhir closer than at least 1.5 m. The nature of the physical barrier must meet the satisfaction of the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

(v) Any rehabilitation schemes or other developments which may somehow affect the menhir, its stability, its physical features, its attributes and its inherent qualities must be to the satisfaction of the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

(vi) Any soil, infill or paving coming in physical contact with the menhir must be approved of in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Section 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

8th February, 1994